*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 46

It-Tlieta 16 ta' Awwissu 2022

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv



JAG

| | |
|---|---|
| 46.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 46.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-17.45pm ghax ma kienx hemm *quorum*. |
| 46.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li Sur Ismael Dalli talab li jattendi tard ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kellux kontroll fuqha. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f `dan ir-rigward. |
| 46.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 46.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 45, tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 46.2.2 | Is- Sur Thomas Debattista ppropona u s- Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta nnumerata 45 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 46.3 | Komunikazzjoni mis-Sindku |
| 46.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista marru Triq Sant`Anna, Triq il-Blata u Triq San Bert u identifikaw fejn se jsir bl-*asphalt* u l-*critter print.* |
| 46.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-*bollards* ta` Triq Sqajjaq gew installati. |
| 46.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li apparti li se jsiru bankini godda Triq Lanzon se jkunu qed jibidlu wkoll il-pajpijiet tal-ilma. |
| 46.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsillera li fit-30 u l-31 ta` Ottubru se tinzamm esibizzjoni ta` *halloween* id-Dar tal-Kejka u talab lis-Sur Christian Pace jassistih. Is-Sindku qal li l-individwu li se jkun qed jorganizza l-attivita` se jirregala ornament artistiku lill-Kunsill sabiex jitpogga go gnien. |
| 46.3.5 | Permezz ta Cirkulari SPI/SCI/07/2022 minghand il-Gvern Lokali s-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jkun qed japplika ghall-iskema tal-*World Cleanup The World Campaign 2022*. Is-Sindku spjega li jekk l-iskema tintrebah l-attivita` se tinzamm fuq gimgha bejn id- 19 ta` Settembru u s-6 ta` Ottubru 2022, eskluz il-festi u l-*weekends*. Is-Sindku qal li t-tindif se jsir fil-lokalita` kollha u se jinkludi knis fit-toroq, tnehhija ta` haxix hazin, tindif bil-*blower* taht il-karozzi, hasil bil-bowzer f `zoni fejn hemm bzonn, inkluz tindif ta` mirja u tabelli tat-traffiku. |
| 46.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-iskola primarja tixtieq taghmel attivita` b` kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali mat-tmiem tal-iskola sajf. Is-Sindku spjega li l-attivita` tinkludi mixja u anke sewqan bir-roti mit-tfal, minn fejn is-salib tad-Dejma sal-iskola. Is-Sindku ssugerixxa li t-tfal jinaghtaw flixkun ilma. |



JAG

*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 46.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jkun qed jorganizza attivita` ghar-residenti nhar it-8 ta` Settembru 2022 fil-festa tal-Vitorja, fejn se ssir zjara fil-lokalitajiet tal-Isla, l-Mellieha u n-Naxxar. |
| *Il-hin huwa is-6.20pm u dahal ghall-laqgha s-Sur Ismael Dalli.* | |
| 46.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Perita nfurmat lill-Kunsill li l-hajt tal-*5-aside* grawnd huwa perikoluz u saritlu hsara minhabba l-gheruq tas-sigar. Is-Sindku spjega li fuq il-parir tal-Perita se jinqalghu s-sigar u l-hajt irid jaqgha u jerga` jinbena. |
| 46.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se jibda` x-xoghol tar-restawr fuq in-nicca tal-Lunzjata li hemm il-pjazza u ppropona li l-inawgurazzjoni taghha ssir fil-Kuncizzjoni nhar it-8 ta Dicembru 2022. |
| 46.3.7 | Is-Sindku prezenta disinn gdid ghall-qalb ornamentali li se tigi nstallata Gnien Joanne u talab l-opinjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward u gie deciz li l-qalb ghandha ssir *brushed stainless steel.* |
| **46.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 46.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **46.5** | **Rapporti** |
| 46.5.1 | Is-Sindku prezenta lill-Kunsillera it-tieni rapport finanzjarju ghas-sena 2022 li jkopri mill-1 ta Jannar sa l-ahhar ta` Gunju 2022, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti r-rapport finanzjarju ghas-sena 2022 gie approvat. |
| 46.5.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill gie nfurmat li l-biljetti tal-ajru ghan-Norvegja kemm tas-Sindku kif ukoll tal-Kunsillier is-Sur Ismael Dalli se jkollhom jithalsu mill-Kunsill ghax ghalkemm ma attendewx minhabba ragunijiet li ma kellhomx kontroll fuqhom, il-biljetti kienu lahqu nxtraw. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawn se jammontaw ghall-Eur1826.81. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 46.5.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill kwalifika ghall-iskema ta` Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2022.2023 ghaldaqstant fil-jiem li ġejjin il-Kunsill se jkun qed jigi kkuntattjati mid-direttorat tar-restawr sabiex jinbeda l-proċess neċessarju fuq il-kappella ta` San Guzepp. |
| 46.5.4 | Il-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsilliera li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Ismael Dalli se torganizza attivita` bl-isem tisjir bilghaqal fir-*Reach Out Centre,* minn nhar it-3 ta` Ottubru 2022. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 46.5.5 | Il-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsilliera li se torganizza harga ghal Ghawdex ghall-anzjani bejn l-ahhar ta` Settembru u l-bidu ta Ottubru 2022. |
| 46.5.6 | Il-Kunsillier s-Sur Christian Pace issugerixxa li tintbghat informazzjoni dwar il-bidu tas-sena skolastika fuq il-*facebook page* tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 46.5.7 | Il-Kunsillier s-Sur Thomas Debattista ssugerixxa li tigi nstallat *sleeping police* Triq Xintill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward u gie deciz li tkun inkluza mat-*Tender* li se jinhareg. |
| **46.6** | **Mozzjonijiet** |
| 46.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **46.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 46.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li t-*Tender* tal-*Palk* u s-siggijiet ta` Gnien Joanne qed jigi evalwat u spjega li hemm *bidder* wiehed u li l-ammont tal-offerta hija aktar mid-doppju mill-estimu tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-evalwaturi se jitolbu gustifikazzjoni lill-*bidder* u staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li l-Kunsill johrog id-differenza jekk kollox ikun konformi. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **46.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 46.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 38/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Awwissu/Settembru 2022, għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 46.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Ismael Dalli ssekondatata mis- Sa Anabelle Marmara` il-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **46.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 46.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-18.45p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru 2022 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 16 ta' Awwissu 2022.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 6th September 2022 | |
| List of Disposal of Assets | |
| | |
| | |
| 1 | Photocopier MP C4504 |
| 2 | Acer LCD Monitor |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

JAG




JAG







J.A.G


acer
LCD Monitor/液晶顯示器/液晶显示器
Model No.
Version
Power Rating
Part Number
Mfg Date
Serial Number
S220HQL
S220HQL B bd
19V ⎓ 1.58A
ET.WS0HE.B01
Oct 2011
ETLTK0R021143012602400
EAN:
SNID: 14300470424
4 717276 644512 S
Achtung
For applicable power suppies see user manual
ISO 9241-307
JC-1
MADE IN CHINA
CAUTION!


acer